NEWSPAPER POST

Novembru 2016 / Għadd 518



Għna Lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP | M: 7926 5968 | E: norbertbonavia@gmail.com

# Missjoni f'Kuba?

Fuq stedina tal-Kunsill Ġenerali tas-Soċjetà tagħna, u b'deċiżjoni tal-Kunsill Reġjonali tal-Perù, Fr. Giovann Cefai, Superjur Reġjonali għall-Perù u Fr. Alex Busuttil, membru tal-Kunsill, fi Frar li għadda marru jaraw il-possibbiltà ta' missjoni fil-gżira ta' Kuba li qiegħda fil-Baħar tal-Karibew.

Meta waslu ġew milqugħa minn saċerdot Malti, Dun Paul Buttigieg, u minn membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM, li qed jaħdmu bħala missjunarji f'Kuba. Fost l-impenji li kellhom marru għal laqgħa mal-Isqof Arturo tad-Djoċesi ta' Santa Clara. Huma ddiskutew id-diffikultajiet u l-possibiltajiet li toffri din id-Djoċesi.

Waqt li kienu hemm kellhom l-opportunità li jduru l-postijiet tal-katekiżmu u d-djar tan-nies il-fqar u li fihom jitqaddes ukoll il-quddies. F'Kuba minflok knejjes kbar hemm djar jisimhom ´Casa Mision´ u s-saċerdot iqaddes il-quddies fihom. Jinġabru l-ġirien tat-triq kollha u ssir il-quddiesa. Spiss ikun hemm min ikollu jsegwi l-quddies minn barra għax id-dar timtela bin-nies. Wara sid id-dar joffri kikkra kafè u gallettina lil dawk preżenti.



Fr. Alex Busttil, l-Isqof Arturo u Fr. Giovann Cefai

Il-missjoni tidher li ser tkun skont il-qalb tal-Fundatur, Mons. De Piro, għax sejra tkun mezz ta' tagħlim u solidarjetà ma' dawn in-nies fqar.



Fr. Niton u Fr Mario

Il-popolazzjoni tad-djoċesi tlaħħaq mal-miljun ruħ. Il-poplu hu fqir imma reliġjuż, u għaddej minn ħafna tbatija minħabba l-komuniżmu. F´din id-djoċesi ta' 'l fuq minn miljun ruħ, hemm 34 saċerdot biss.

Il-parroċċa li l-Isqof issuġġerixxa lill-missjoni tagħna qiegħda f'post jismu Manigaragua, u l-knisja hija dedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

Din il-missjoni jekk Alla jrid ser tkun okkażjoni ta' vokazzjonijiet ġodda.

B'konsegwenza ta' din iż-żjara tas-Superjur Reġjonali u l-assistent tiegħu f'Kuba, Fr. Mario Ramos u Fr. Nilton Albado, żewġ saċerdoti Peruvjani tas-Soċjetà tagħna, marru għal tliet xhur, minn Awwissu sa Ottubru, bħala esperjenza personali.

Nitolbu lil Alla, bl-interċessjoni tal-Fundatur, ħalli dan l-esperiment ta' missjoni ġdida f' Kuba, jekk hi skont il-volontà t'Alla, tibda u tkompli għall-glorja t'Alla u l-ġid tal-erwieħ.

**L-Editur**

# Kollox beda minn hawn

**Novembru huwa xahar importanti għalina l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għax fit-2 ta' Novembru tal-1877 twieled il-Fundatur tagħna, Ġużeppi De Piro.**

Ix-xitel u s-siġar ma' jikbrux jekk ma jsibux ħamrija tajba, jekk mhux ukoll imdemmla sew. Il-frott ta' dawn is-siġar juri mill-ewwel is-sbuħija u l-benna tagħhom għax kienu kkultivati sew.

Hekk ġara f'Ġużeppi De Piro, iben dehen ta' Alessandro u Ursula neè Agius Caruana. Din il-koppja ma kinitx nobbli għall-fatt biss li kienet tiġi mill-qrib minn barunijiet u markiżi. Din il-familja kienet nobbli anki fl-imġiba tal-membri tagħha.

Lid-disa' wlied tellgħuhom fil-biża' t'Alla u riedu li huma jkunu parti mis-soċjetà ta' madwarhom. Riedu wkoll li jitgħallmu jmiddu jdejhom għax-xogħol. Hekk, per eżempju, lill-bniet għallmuhom ix-xogħol tal-ħjata u r-rakkmu. Lil Ġużeppi għallmuh is-sengħa ta' landier. Mhux biss, imma biex iħajru lil ulied il-fqar jidħlu fil-Milizzja Rjali, ma sabuhiex diffiċli li jingaġġaw għal sena u nofs lil Ġużeppi bħala suldat.

Kif jgħidu, skont iz-zokk il-fergħa. Ġużeppi xorob dak kollu li l-ġenituri tiegħu xtaqu jagħtuh: il-ġenerożità, l-ispirtu ta' altruiżmu u l-imħabba lejn il-batut. Dawn is-sentimenti, li dehru ċar fil-ħajja tiegħu kollha, wirithom minn ommu. Din kienet mara eżemplari u ta' karattru sod.

Ġużeppi qatt ma għamlet bih in-nobbiltà tal-familja tiegħu. Meta beda' jistudja Ruma għas-saċerdozju u allura kull sena kien jiġi għall-vaganzi,



Mons. De Piro (l-ewwel wieħed mix-xellug) mal-familja tiegħu

kien imur jgħin fl-Istitut ta' San Ġużepp, fejn kien jitħallat mal-fqar u l-orfni. Dan is-sens ta' mħabba lejn il-fqar mexxih biex jaċċetta li jkun direttur ta' diversi istituti tat-tfal iltiema. Din kienet responsabiltà mhux żgħira. Din ir-responsabiltà mbuttatu biex hu stess imur jittallab il-Marsa u ħdejn id-Dokjard, biex ikollu x'jitma' lil dawn il-mijiet ta' subien u bniet, l-għeżież tiegħu.

L-imħabba lejn art twelidu ma ħallitux jara lil ħutu l-Maltin ibatu u jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom u hu ma jagħmel xejn. Ta sehem importanti biex jintlaħaq ftehim fl-inkwiet tas-Sette Giugno.

Il-ħerqa għat-tagħlim tal-katekiżmu ħeġġitu biex jara li jkun hemm it-tagħlim tad-duttrina fl-Imdina kif ukoll f'Birkirkara fejn akkwista f'isem is-Soċjetà li waqqaf, oratorju li kien inbena għal dan l-iskop. Illum dan il-post huwa magħruf bħala l-Oratorju MSSP.



Is-Sinjura De Piro, omm il-fundatur



Is-sodda fejn twieled Mons. De Piro



Mons. De Piro mal-ewwel żewġ membri tas-Soċjetà



Mons. De Piro waqt il-laqgħa tas-Sette Giugno



Fr. O. Galea ma' rappreżentanti ta' għaqdiet tal-emigranti Maltin

Imnebbaħ mill-Mulej, waqqaf soċjetà ta' reliġjużi rġiel bl-iskop li jmorru f'artijiet oħra fejn hemm bżonn ixandru l-Evanġelju.

Uliedu spiritwali ma naqsux li jwettqu dan l-ideal. Illum, barra d-djar li s-Soċjetà għandha f'Malta u f'Għawdex, il-missjunarji tiegħu, kif isejħilhom il-Fundatur, salpaw mal-emigranti lejn l-Awstralja




Mons. De Piro fl-Oratorju ta' Birkirkara



Il-qabar tal-fundatur f'Sant'Agata



Il-fundatur mal-Gvernatur Campbell u tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp

f'1948, u wara marru ukoll ma' ħutna l-emigranti fil-Kanada fl-1959.

L-ispirtu missjunarju ta' De Piro baqa' jbaqbaq fid-demm tal-ulied spiritwali tiegħu, għax illum dawn il-missjunarji nsibuhom jaħdmu fil-Perù, fil-Pakistan u fil-Filippini. Bħalissa wkoll is-Soċjetà qed tesplora l-possibiltà li tkun preżenti f'Kuba.

Jalla l-wirt spiritwali tal-Qaddej t'Alla Ġużeppi De Piro jibqa' jixtered u jħeġġeġ żgħażagħ oħra ħalli jħaddnu dan il-għan hekk nobbli.

**L-Editur**